MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-29 ta' April, 2005

Appell Civili Numru. 122/1995/1

**Joseph u Carmela konjugi Xuereb**

**v.**

**Angelo sive George Grech u b'nota tat-18 ta' Frar, 2003 Maria mart Mario Muscat assumiet l-atti tal-kawza minflok missierha msiefer, Angelo sive George Grech**

**Il-Qorti:**

1. Tirrileva qabel xejn li skond verbal tas-7 ta’ Frar 2005, din il-kawza thalliet ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghas-seduta tal-lum, 29 ta’ April, 2005;

2. Illi fil-kors ta’ l-ezami ta’ l-atti irrizulta lill-Qorti li fost l-aggravji ta’ l-atturi appellanti hemm lanjanza ta’ indole preliminarja u procedurali li tghid hekk:
“Preliminarjament, is-sentenza appellata hija nulla billi l-okkju taghha ma jindkludix il-partijiet kollha fil-kawza, u cioe` Mario Muscat li eventwalment gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju.”

3. Illi minn ezami ta’ l-atti tac-citazzjoni jirrizulta kjarament illi l-isem ta’ Mario Muscat jirraffigura bhala wiehed mill-konvenuti, filwaqt li jirrizulta wkoll li ismu ma jinsabx riportat fl-okkju tas-sentenza appellata, u lanqas ma jirrizulta li saru xi talbiet jew sottomissjonijiet kwalsiasi dwar dan l-aggravju preliminari min-naha tal-partijiet, u di fatti lanqas jidher li dan Mario Muscat gie innotifikat bir-rikors ta’ appell interpost mill-konvenut Angelo sive George Grech. Jigi osservat ukoll li t-talba fir-rikors ta’ appell hija <u>ghar-revoka</u> (mhux ghar-riforma tas-sentenza appellata, u dan ifisser li qed tintalab ukoll, mill-appellant Angelo sive George Grech, ir-revoka ta’ dik il-parti tas-sentenza li biha Mario Muscat gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

In vista tas-suespost, din il-Qorti jidhrilha li huwa opportun li qabel xejn jigi epurat u possibilment deciz dan il-punt, anzi punti, ta’ natura procedurali u dan qabel ma tibda tiddelibera fil-mertu, u wara li tkun semghet ukoll x’ghandhom x’jghidu l-partijiet relattivament ghal dan l-aggravju u l-punti l-ohra ta’ procedura li qed jigu senjalati.

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u thalli l-kawza ghat-trattazzjoni ta’ l-ewwel aggravju dwar in-nullita` o meno tas-sentenza appellata u dwar il-mod kif inhi formulata t-talba u n-nuqqas ta’ notifika ta’ Mario Muscat, ghal nhar it-Tnejn 9 ta’ Mejju 2005, fil-11.00am.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------